# News Releases



# It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: L-Ewwel Kwart tal-2023

NR085/2023 Data tal-Ħruġ: 16 ta’ Mejju 2023

*Fl-ewwel kwart tal-2023, s-safar ta’ residenti Maltin ’l barra mill-pajjiż laħaq il-158,180 safra, filwaqt li l-għadd ta’ ljieli mqattgħin laħaq b’kollox il-1,082,039 lejl.*



**It-Turiżmu ’l Barra minn Malta**

It-turisti kollha li ħarġu ’l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma r-residenti Maltin li siefru, fl-ewwel tliet xhur tal-2023 kienu stmati li jlaħqu 158,180, filwaqt li t-total ta’ ljieli mqattgħin barra laħqu 1,082,039.

**Jannar-Marzu tal-2023**

Matul it-tliet xhur trattati f’din l-istqarrija, saru total ta’ 90,851 safra ’il barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 43,664 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta’ dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (52.5 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta’ bejn il-45 u l-64 sena (27.5 fil-mija) (Tabella nru 1). L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b’persentaġġ ta’ 35.4 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-akbar għadd ta’ ljieli (54.9 fil-mija) kienu mqattgħin f’akkomodazzjonijiet mingħajr kera (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta’ 6.8 ljieli.

Bejn Jannar u Marzu, l-infiq totali mit-turisti li ħarġu ’l barra mill-pajjiż qabeż il-€131.6 miljun, li jiġi ekwivalenti għall-medja ta’ €832 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

## Ċart 1. L-Għadd sħiħ ta’ turisti li siefru ’l barra minn Malta




## Ċart 2. It-Tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta’ akkomodazzjoni

Jannar-Marzu




## Ċart 3a. L-Infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Jannnar-Marzu




## Ċart 3b. L-Infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Jannar-Marzu




## Ċart 4. L-Infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

Jannar-Marzu

